**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 246/2000**

**Il-Pulizija (Supdt. Paul Debattista)**

**Vs**

**CARMELO CAMILLERI**

**Illum, 15 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Carmelo Camilleri talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta'Settembru, 1994, u matul it-tmintax il-xahar qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi w li kienu maghmulha b'risoluzzjoni wahda :

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta'Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) ;
2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lill-persuna jew persuni jew ghal xi persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta'Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jforni d-droga w minghajr ma kien fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement

emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) ;

3. Sar recidiv billi nstab hati ta'reati b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' l-14 ta'Frar, 1991 u tat-3 ta'Ottubru, 1991.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minn barra li tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-Carmelo Camilleri sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 3 ta'Novembru, 2000, li biha sabet lill-Carmelo Camilleri hati ta' dawn l-akkuzi w kkundannatu fuqhom ghall-erba (4) snin prigunerija, kif ukoll ghall-Lm1,000 Multa, bit-tnaqqis ta' kull zmien li hu kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri. Ikkundannatu wkoll sabiex ihallas l-ispejjes peritali konnessi mal-hatra ta' l-esperti.

Rat ir-rikors t'appell ta'Carmelo Camilleri datat 15 ta'Novembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u b'hekk tilliberah mill-kull htija w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti, u l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi essenzjalment l-aggravju ta' l-appellant huwa wiehed, cioe', li skond hu, l-ewwel Qorti kienet zbaljata fl-apprezzament tal-provi li kienet ghamlet u li, ghalhekk, in bazi tal-provi li tressqu, hi qatt ma setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija fih. Hu qed jressaq dan l-aggravju billi (**1**) jattakka l-kredibilita' tax-xhud principali tal-prosekuzzjoni, certa Rachel Grima, (**2**) jossottometti li d-diary, li kien gie elevat minghandha u fejn fih hemm imnizzel li l-appellant kien jbieghla d-droga eroina kien wiehed allegatament misjub f'cirkostanzi dubjuzi, u li, fi kwalunkwe kaz kien wiehed fazul fis-sens li fih din kienet tnizzel hekk sabiex tghamel vendikazzjoni minn nies li ma riedux x'jaqsmu maghha, bhal ma kien, skond l-appellant, hu stess, u (**3**) jghid li kull prova ohra li ressqghet il-prosekuzzjoni, cioe' ix-xhieda li allegatament kienu jixtru d-droga minghand l-appellant, xehdu quddiemha li l-appellant qatt ma kkonsenjalhom xi droga. Fi ftit kliem, ghalhekk, l-appellant jghid li dawn il-provi huma ferm mankanti w li l-unika xhud li fuqha l-prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha sabiex tinkriminah, Rachel Grima, hija xhud li ma tghathiex affidament u mhiex kredibbli.

Ghalhekk hu evidenti li din hi kwistjoni kollha kemm hi ta'apprezzament tal-provi li kien sar mill-ewwel Qorti. Qabel kollox, ta' min jirrileva u jfakkar hawnhekk, li, kuntrarjament ghal din il-Qorti li l-funzjoni taghha hija purament dik ta'Revizjoni, l-ewwel Qorti kienet fil-posizzjoni vantagguza li tisma bir-

reqqa u attenzjoni kollha, w tul certa firxa ta' zmien, il-provi kollha li ressqghet il-prosekuzzjoni, kif ukoll dawk tad-difiza. Mhux hekk biss, izda jirrizulta li l-imsemmija Rachel Grima telghet tixhed quddiem l-ewwel Qorti diversi drabi, specjalment ghal dak li kien il-kontro-ezami taghha estensiv u rigoruz li ghamlilha l-avukat difensur ta' l-appellant. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet fil-posizzjoni li tghamel l-apprezzament taghha tax-xhieda kollha li semghet in bazi tal-kriterji li ssemmi l-ligi stess ghar-rigward kredibilita' ta' xhud, tenut kont specjalment tal-konsistenza tax-xhieda, il-komportament taghhom waqt li qedin fuq il-pedana tax-xhieda, l-interess li setgha kellhom waqt li qed jixhdu, u fatturi jew cirkostanzi ohra li dik il-Qorti setghet tqies sabiex tara liema xhieda hija kredibbli w liema le. Dan l-ezercizzju ma setghax isir minn din il-Qorti li trid toqghod fuq dak li hemm traskritt fl-atti u fuq dak li ntqal quddiemha mill-avukati taz-zewg nahat. Din il-Qorti ghalhekk trid tara jekk in bazi tal-provi li hemm fl-atti, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex issib htija fl-appellant. Din hi l-funzjoni ta' din il-Qorti, u mhux li tiddeciedi hi jekk l-appellant ghandhux jinstab hati jew le ta' l-akkuzi dedotti kontrih bhal li kieku qed tghamel il-funzjoni ta' Qorti ta'Prima Istanza, bil-provi li qed jinstemghu ghall-ewwel darba.

F'dan il-kaz il-provi principali jikkonsistu fix-xhieda ta'l-imsemmija Rachel Grima u ta' certu Geoffrey Giordmaina. L-ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti ghalhekk kien sabiex tara jekk kellhiex temmen jew le lil dawn iz-zewg xhieda, jew temmen biss xi parti jew ohra mix-xhieda taghhom.

Skond l-appellant, ghal dak li jirrigwarda x-xhud Giordmaina, l-ewwel Qorti ghamlet hazin li skartat kompletament ix-xhieda li hu ta quddiemha fejn addirittura bla ebda mod ma inkriminah, u strahet esklussivament fuq dak li kien qal fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija li wara li giet konfermata minnu bil-gurament quddiem Magistrat. Jigi rilevat hawnhekk li l-ewwel Qorti kienet legalment pjenament libera li tghamel hekk. Stante li hawn si tratta ta'reati konnessi mad-droga, dik l-istqarrija ta'Geoffrey Giordmaina, maghmula minnu zmien qabel ma bdew dawn il-proceduri prezenti, w konfermata minnu bil-gurament quddiem Magistrat, hija prova valida w ammessibbli daqs kull xhieda li hu ghogbu jghati wara 'viva voce' quddiem l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti ghalhekk ghamlet l-apprezzament taghha ta'dan ix-xhud skond il-kriteji msemmija mill-ligi kif ukoll bl-uzu tal-buon sens u esperjenza tal-hajja, u dehrilha li kellha temmen il-verzjoni li dan ix-xhud kien ta precedentement qabel dawn il-proceduri w ma temmnux f'dak li xehed quddiemha fejn biddel kompletament il-verzjoni li kien ta qabel lill-pulizja meta kien inkrimina bis-shih lill-appellant. L-ewwel Qorti ma ghamlet ebda zball meta ezercitat din id-diskrezzjoni taghha w ddecidiet li toqghod fuq dak li kien qal dan ix-xhud fl'okkazzjonijiet ta'qabel. Ma hemm assolutament xejn x'ticcensura f'dan.

Ghal dak li jirrigwarda x-xhud Rachel Grima, anke hawnhekk huwa ferm evidenti li fl-apprezzament taghha ta' din ix-xhud, sabiex tasal tiddeciedi jekk din kienetx kredibbli jew le, l-ewwel Qorti wzat l-istess kriterji li tghati l-ligi ghal dan l-ezercizzju. L-ewwel Qorti dehrilha li din kienet xhud ferm konsistenti f'dak li qalghet, u dan kemm meta telghet tixhed quddiemha, inkluz fil-kontro-ezami dettaljat li sarilha, kif ukoll fl-istqarrijiet taghha w xhieda li tat f'diversi procedimenti ohra relattivi.

Dwar l-ilment ta' l-appellant li qed jghid li din ix-xhud mhiex korroborata jew, ossia, hija kontradetta minn xhieda jew provi ohra, ghandu jigi rilevat li f'kazijiet fejn si tratta ta'reati ta'droga, ix-xhieda ta'komplici, bhal ma evidentement kienet din ix-xhud, ma hemmx ghalfejn tkun korroborata. Ghalhekk ix-xhieda taghha wahedha, jekk emnuta sal-grad tac-certezza morali, hija bizzejjed sabiex tkun tista tittiehed decizjoni in bazi taghha. Dan il-principju japplika ukoll minkejja l-fatt li fl-atti jista' jkun hemm provi li jikkontradixxu lill-Rachel Grima. Hu ovvju li l-ewwel Qorti dehrilha li din ix-xhud waslitha sal-grad tal-konvinciment morali f'dak li qalghet u li, ghalhekk, hasset li in bazi tax-xhieda taghha setghet tiddikjara w ssib htija fl-appellant. Dan kien l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti ta' din ix-xhud u dan kien apprezzament li din il-Qorti thoss li ma hemm xejn x'ticcensura fih. Kien apprezzament tajjeb u li, in bazi tieghu, l-ewwel Qorti, ghalhekk setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Ghal dak li qed jghid l-appellant fejn qed jimputa li s-sejba tad-djarju minn pulizija wiehed waqt search fejn fih kien hemm xi erba jew hames pulizija li dwaru dawn ma qalu xejn, juri li kien hemm xi haga rregolari f'din is-sejba, din il-Qorti tara li din hija biss allegazzjoni jew insinwazzjoni infondata. Kif sewwa osservat il-prosekuzzjoni, id-djarju nstab waqt search li sar fil-11 ta'Settembru, 1994, waqt li l-erba jew hames pulizija l-ohra li l-appellant qed jghid li kienet haga stramba kif dawn ma xehdu xejn dwar dan id-djarju, dawn jirrizulta li s-searches li hadu sehem fihom kienu fl-14 ta'Dicembru, 1993 u l-24 ta'Settembru, 1994, cioe' mhux fis-search meta instab dan id-djarju. Dan hu argument bla ebda bazi legali w li din il-Qorti lanqas biss sejra toqghod tikkunsidrah tant kemm hu fierah.

Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, wara li din il-Qorti ghamlet ezami dettaljat tal-provi, hi ma qed issib ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tindahal fid-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti jew li tvarja l-konkluzzjonijiet milhuqha minnha, limitatament, izda, ghal dik li hija d-dikjarazzjoni w sejbien ta'htija.

Ghal dik li tirrigwarda l-piena, din il-Qorti semghet bil-gurament lit-tabib specjalista Lino Cutajar kif ukoll lit-tabib Portelli. Dan ghamlitu wara talba specifika jew appozita minn-naha ta' l-avukat difensur ta'l-appellant peress li gie allegat li l-appellant kien qed isofri mill-marda gravi tal-cancer, x'aktarx terminali wkoll. Fill-fatt l-imsemmija tobba ikkonfermaw bil-gurament dan l-istat ta'sahha ta' l-appellant u qalu wkoll li hu qed jattendi regolarment ghall-kura medika relattiva, izda xorta jibqa fi stat gravi w serju hafna.

F'dawn ic-cirkostanzi, li huma cirkostanzi certament ferm specjali w straordinarji, din il-Qorti thoss li hija propensa sabiex timmodifika l-piena nflitta mill-ewwel Qorti, dan ghal ragunijiet umanitarji w xejn aktar. Ma kienetx tghamel l-istess li kieku ma kienux jezistu dawn ic-cirkostanzi.

Ghalhekk, ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti qedha tiddisponi minn dan l-appell ta'Carmelo Camilleri billi filwaqt li qed tichdu ghal dak li jirrigwarda l-meritu, u, ghalhekk, qed tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda s-sejbien u dikjarazzjoni ta' htija ta' l-appellant, qed tirriforma w timmodifika l-piena nflitta mill-ewwel Qorti billi tirriduci l-piena karcerarja nflitta minn dik il-Qorti ghall-wahda ta'tmintax (18) il-xahar prigunerija, w tikkonferma l-piena pekunjarja ta' Lm1,000. Tikkonferma wkoll kull ordni moghti mill-ewwel Qorti.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur